**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 6 ta' Mejju, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Yousef Essessi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Yousef Essessi detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 509491M akkuzat talli fl-20 ta' Jannar, 2016 ghall-habta tal-11:00am gewwa Awla numru 9, fil-bini tal-Qorti ta' Malta:

1. Ma riedx jahlef jew jixhed meta hekk mehtieg mill-Qorti (Malta);

2. Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Mejju, 2016 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras wara li tressaq akkuzat bl-akkuzi odjerni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50 u 522(4) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sebat (7) ijiem prigunerija.

**MAGISTRAT**